MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 120/2013

**Go p.l.c**
**C 22334**
**Vs**
**Angela Brown**
**ID 54277A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Marzu, 2013 illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u erbgha u tletin ewro u sebgha u ghoxrin centezmi (€734.27) liema ammont huwa in konnsejoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40173365* moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2- prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 - estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tat-8 ta' Jannar, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.
Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2014 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u erbgha u tletin ewro u sebgha u ghoxrin centezmi (€734.27) bl-imghax sad-data sal-pagament effettiv.
L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------